TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 237/13/F

**Victor Fiorini**

**vs**

**J. Ripard & Sons Ltd.**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija, u tnejn u għoxrin ewro (€522), rappreżentanti l-valur ta' affarijiet li sab neqsin wara li ġew mibgħuta mill-Ingilterra lejn Malta.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lis-soċjeta' ntimata sabiex tagħmillu xogħol ta' trasport t'affarijiet personali mill-Ingilterra lejn Malta u illi meta dawn l-affarijiet personali waslu Malta sab xi affarijiet neqsin fl-ammont tal-valur ta' ħames mija, u tnejn u għoxrin ewro (€522).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub, u għaldaqstant mhux qed tikkontesta t-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mija, u tnejn u għoxrin ewro (€522), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888